MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1886/2000/1

**Marie Louise Coliero**

**Vs**

**Dione Borg**
**Joe Zahra bhala editur tal-gurnal "In-Nazzjon"**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rat l-att tac-citazzjoni** li permess taghha gie premess illi fil-harga tal-gurnal "In-Nazzjon" tal-gurnata tat-tlieta ta' Awissu tas-sena elfejn (3/8/2000), fl-ewwel pagna, taht l-istorja bit-titolu "Ufficjali Laboristi jafu bl-istorja" miktub u stampat mill-konvenuti, hemm miktub fost affarijiet ohra illi "kienu anke zvelati rapporti ta' celebrazzjonijiet interni fl-

MLP fosthom fl-Ufficju tan-Nisa Laburisti fic-Centru Nazzjonali Laburista fejn Marie Louise Coliero hi President";

Premess illi l-attrici hija menbru fi hdan il-Malta Labour Party u hija ukoll il-President tan-Nisa Laburisti fi hdan l-istess partit politiku;

Premess illi l-istorja miktuba hawn imsemmija taghmel referenza ghal fatt li mhumiex veritieri u li saru bl-iskop li jnaqqsu l-gieh tal-attrici u jesponuha ghad-disprezz;

Premess illi ghalhekk l-attrici ghandha dritt ghar-risarciment tad-danni skond il-ligi ta' l-istampa;

Tghid ghalhekk l-attrici ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kitba u l-istampar fuq imsemmi huwa libelluz, malafamanti u ngurjuz fil-konfront ta' l-attrici u jesponuha ghad-disprezz;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dik is-somma li l-istess Qorti tiffissa bl-applikazzjoni ta' l-art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa

Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 9 tal-process fejn eccepixxu:**

1. Illi ma hemm ebda kitba defamatorja fil-konfront tal-attrici.

2. Illi f'kul kaz, l-artikolu in kwistjoni jammonta ghal '*fair comment'* bazat fuq fatti sostanzjalment veri.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Provi**

L-attrici qed titlob danni minhabba malafama.

L-artikolu  hu intitolat:

Ufficjali Laburisti jafu bl-istorja

Kampanja mill-alleanza favur Alfred Sant kontra Lino Spiteri, George Abela u ohrajn…. fosthom Marie Louise Coliero.

L-attrici xehdet li hi President tal-fergha nisa tal-Partit Laburista.  Hi qed toggezzjona ghall parti ta' l-artikolu fejn hi ssemmiet u fejn  hemm imnizzel li saru celebrazzjonijeit interni fl-MLP, fosthom fl-ufficju tan-nisa Centru Laburista, Hi qed toggezzjona ghall  dan l-artikolu billi hu bbazat fuq gidba mill-bidu sa l-ahhar, u b'hekk ikkagunalha hsara.

Margaret Camilleri, Segretarja tal-Ghaqda Nisa Laburisti xehdet li l-affarijiet ma kienux kif hemm imnizzel fl-artikolu inkriminat, cjoe li kienu saru celebrazzjonijiet wara l-elezzjonijiet ghall esekuttiv tal-partit.  Hi kkonfermat li ma kienux saru celebrazzjonijiet. Il-bieb ta' l-ufficcju taghhom kien miftuh u n-nies bdew dehlin u hergin kif isir is-soltu. Dwar Pawlu Muscat qalet li dan ma kienx dahal l-ufficcju mentri fil-kaz ta' Brian Hansford, dan seta dahal.

Alda Vella, Kaxxiera tal-Ghaqda Nisa Laburisti xehdet li mhux veru li kien hemm xi celebrazzjonijiet. Hi haga normali li meta jkun hemm xi konferenza jew xi attivita tal-partit huma jkunu fl-ufficcju tal-ghaqda u jidhlu hafna nies jitkellmu fil-kamra. Huma ma kellhom ebda bzonn li jiccelebraw u lanqas kien hemm *drinks* biex jiccelebraw hlief *soft drinks* u flixkun *whisky*. Huma kienu qed jistennew ir-rizultati tan-nisa li kienu kkontestaw l-elezzjoni.

Pawlu Muscat prodott mill konvenuti xehed li hu kien agent ta' Brian Hansford li kien qed jikkontesta ghal President tal-Malta Labour Party ma Mario Vella.  Kien rebah Mario Vella izda Brian Hansford kien mar tajjeb

hafna u wara r-rizultat kienu ferhulu. Kienu bilqeghda fil-kamra tan-nisa, dehlin u hergin, Kien hemm prezenti l-attrici u nisa ohra bhal Margaret Camilleri u ohrajn. Ma kien hemm l-ebda celebrazzjonijiet b'*whisky* jew affarijiet simili. Xorbu minn dak li kien hemm bhal gimgha kollha.

Il-konvenuti ma xehdux.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dr. Edward Gatt ghall attrici fil-verbal a fol. 53 kien iddikjara li l-attrici kienet qed toggezzjona ghal dik il-parti fejn tissemma l-attrici u celebrazzonijiet li allegatament saru.

“F'materja ta' ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn “allegation of fact” u dak li huwa “comment”. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair u bona fide” jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru” (“Reginald Miller vs Harold Scory” - XXXVI.iv.843.).

L-attrici qed tirritjeni li l-artikolu hu kollu kemm hu bazat fuq gidba, fis-sens li mhux vera li kien hemm xi celebrazzjonijiet fil-kamra tal-ghaqda tan-Nisa Laburisti wara l-elezzjonijiet tal-esekuttiv tal-partit, li fihom, skond Pawlu Muscat, kien mar tajjeb hafna Brian Hansford. Il-konvenuti pproducew bhala xhud lill istess Pawlu Muscat biex jippruvaw li kien hemm dawn l-allegati celebrazzonijiet, u dana x-xhud cahad diversi drabi li kien hemm dawn ic-celebrazzonijiet u li kull ma gara kien li hadu drink u ferhu lill Hansford ghax kien mar tajjeb. Dan sar f'kamra zghira li kienet tesa ftit nies u li kienet accessibili ghall kullhadd u n-nies bdew diehlin u hiergin minn hemm.

L-attrici qed toggezzjona ghall artikolu billi dana jpingiha bhala li hija qed tappogga u ticcelebra ma sezzjoni tal-partit kontra sezzjoni ohra meta fit-fatt ma ngabet ebda prova li hu hekk.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-kitba mhiex diffamatorja u anke jekk il-fatti ma humiex korretti jrid ikun hemm il-malafama biex l-azzjoni ta’ l-attrici tirnexxi.

Huwa veru li ma hemm xejn hazin li f’’partit politku wiehed jifforma parti minn grupp u mhux minn iehor li ma jkunx jaqsam l-istess idejat, izda bil-mod kif inhu miktub l-artikolu l-awtur tal-kitba mhux qed ighid biss li l-attrici tifforma parti mill grupp li jissimpatizza ma personaggi bhala Abela, Spiteri u ohrajn izda li hija kienet qed ticcelebra ma grupp ta’ nies fi hdan il-partit laburista fosthom persuna li fl-artikolu qed jinghad li huwa maghruf mill-ufficjali laburisti li kien semma tbaghbis fl-elezzjoni ghall-hatra tal-Mexxej Laburista Alfred Sant fil-1992. L-attrici qed tigi rapprezentata fl-artikolu bhala persuna li qeda f’dan il-grupp ta’ nies li qed jahdmu kontra l-ufficjali tal-partit u l-istess kap tal-partit meta hija stess tokkupa kariga ta’ President tan-Nisa Laburisti. Li timputa slealta f’ politikant hu kunsidrat bhala malafamanti (ara Blackburn vs  London Express (1953) .

**Gately** (**“On Libel and Slander”)** jiddefinixxi l-libell bhala “*Any  written or printed words which tend to lower a person in the estimation of a right-thinking man or cause him to be shunned or avoided or expose him to hatred, contempt or ridicule”.*

L-artikolu nkwistjoni jesponi  lill attrici disprezz u jnaqqas gieh l-attrici aktar u aktar meta l-artikolu hu mibni fuq fatt li ma giex pruvat li hu veru.

Il-konvenut issottomettew ukoll li l-attrici kellha l-ewwel nett kellha titlob taht l-artikolu 21 tal-ligi ta’ l-Istampa li ssir rettika u mhux tagixxi bl-azzjoni ghal malafama.

Illi hu pacifikament assodat fis-sistemi legislattivi li ghandhom din id-disposizzjoni preventiva  illi, biex tkun accettabili r-rettifika, jew dritt tar-risposta, jehtieg li ma jkun hemm xejn li jkun offensiv jew ingurjuz ghall gurnalista interpellat u ghal min ghandu d-dritt ghar-rettifika (Vol XL111 p 955).

Inoltre kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet “Onorevoli Perit Charles Buhagiar -vs- Ray Bugeja noe”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001, illi “f’sitwazzjoni simili indubbjament l-appellant (konvenuti) ma jistax jippretendi illi seta’ jezimi ruhu mir-responsabilita` ghall-malafama minnu kommessa billi jippretendi li l-attur seta’ dejjem kiteb lill-editur tal-gazzetta u jitlob li tigi ppubblikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. Dan ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu li jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll, illi entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta’ kritika jew kumment”.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici
u tikkundanna lill konvenuti ihallsu lill attrici s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-applikazzjoni ta’ l-art. 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa.
Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------